**KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 23 ta' Mejju 2008 (28.05) (OR.en)**

**9873/08**

**FRONT 50**
**COMIX 436**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti / Kunsill |
| Nru dok. preċ. | 7811/2/08 REV 2 FRONT 37 COMIX 244 |
| Suġġett: | **Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġestjoni tal-fruntieri esterni ta' l-IstatiMembri ta' l-Unjoni Ewropea** |

Wara d-diskussjonijiet fil-Konferenza Ministerjali dwar l-Isfidi tal-Ġestjoni tal-Fruntieri Esterni ta' l-UE fi Brdo, Slovenja, fil-11 u t-12 ta' Marzu 2008, il-Presidenza pproponiet test għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġestjoni tal-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea[1].

L-abbozz kien eżaminat mill-Kumitat Strateġiku dwar l-Immigrazzjoni, il-Fruntieri u l-Asil/Kumitat Imħallat fl-1 ta' April 2008 u mill-Kunsillieri ĠAI fil-25 ta' April 2008. Fil-laqgħa tal-Kumitat Strateġiku fl-20 u l-21 ta' Mejju 2008, id-delegazzjonijiet qablu dwar l-abbozz mehmuż, soġġett għal riżervi ta' skrutinju minn xi delegazzjonijiet. Dawn ir-riżervi ta' skrutinju tneħħew sussegwentement.

*Abbażi ta' dan, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jistieden lill-Kunsill jadotta t-test meħmuż.*

---

[1] 7811/08 FRONT 37 COMIX 244

**ANNESS**

**Abbozz ta'**
**Konklużjonijiet tal-Kunsill**

**dwar il-Ġestjoni tal-Fruntieri Esterni**
**ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea**

**Il-KUNSILL:**

a) Waqt li jfakkar il-Programm Aja dwar it-tisħiħ tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja fl-Unjoni Ewropea u l-Pjan ta' Azzjoni relatat, l-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' l-4 ta' Diċembru 2006 dwar ġestjoni integrata tal-fruntieri;

b) Waqt li jilqa' l-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-żvilupp futur ta' l-Aġenzija FRONTEX[1], dwar it-tħejjija tal-passi li jmiss fil-ġestjoni tal-fruntieri fl-Unjoni Ewropea[2], u dwar l-eżami tal-ħolqien ta' Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri (EUROSUR)[3];

c) Waqt li jirriafferma l-ħtieġa għal ġestjoni aħjar tal-fruntieri esterni b'użu aħjar tat-teknoloġija b'mod partikolari biex jinżamm livell għoli ta' sigurtà u effettività kontr l-immigrazjoni illegali filwaqt li jiġu ffaċilitati l-qsim tal-fruntieri għaċ-ċittadini ta' l-UE u l-vjaġġaturi *bona fide*.

d) Waqt li jikkonferma l-ħtieġa ta' żvilupp ulterjuri ta' kunċett ġenerali koerenti tal-ġestjoni integrata tal-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea billi titkompla l-ħidma fuq dak li diġà nkiseb;

e) Waqt li jistenna b'interess għal aktar rakkomandazzjonijiet tal-Bord ta' Ġestjoni tal-FRONTEX li jirriżultaw mill-evalwazzjoni li qed titwettaq skond l-Artikolu 33 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea;

---

1 6664/08 FRONT 24 COMIX 143
2 6666/08 FRONT 26 COMIX 145
3 6665/08 FRONT 25 COMIX 144

**JADOTTA L-KONKLUŻJONIJIET LI ĠEJJIN:**

**A. Fir-rigward ta' l-iżvilupp futur ta' l-Aġenzija FRONTEX:**

**i) Prijoritajiet għal terminu qasir:**

1. Jilqa' l-progress rapidu li twettaq biex l-Aġenzija FRONTEX issir operattiva, u jirrikonoxxi r-rwol attiv ta' l-Aġenzija fl-implimentazzjoni ta' ġestjoni integrata tal-fruntieri fl-UE, u jfakkar fil-ħtieġa li l-Aġenzija tingħata r-riżorsi meħtieġa biex tkun tista' tilħaq l-objettivi tagħha.

2. Jitlob lill-FRONTEX biex timplimenta, totalment, il-programm ta' ħidma 2008 u biex issaħħaħ ir-rwol tagħha fil-qafas tal-mandat attwali tagħha u tiddeċiedi, abbażi ta' valutazzjoni ta' ħtieġa kif ukoll ta' approċċ ta' kost-benefiċċju, dwar l-akkwist u/jew il-kiri/ il-kuntrattar ta' tagħmir, b'mod partikolari tagħmir tekniku għall-kontroll fil-fruntieri, sabiex ikun disponibbli għall-operazzjonijiet koordinati mill-FRONTEX.

3. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri u lill-FRONTEX biex jagħmlu użu massimu mit-tagħmir li Stati Membri oħrajn jagħmlu disponibbli fil-qafas tal-CRATE u jistieden lill-FRONTEX biex regolarment tinforma lill-Kunsill dwar l-użu attwali ta' dan it-tagħmir u l-miżuri implimentati biex tkun żġurata d-disponibbilta tiegħu.

4. Jinkoraġġixxi biex l-analiżi tar-riskju u l-istudji ta' fattibbiltà jkunu bbażati fuq informazzjoni affidabbli bħala prerekwiżit għas-suċċess ta' sistema ta' Ġestjoni Ewropea tal-Fruntieri u, f'dak ir-rigward, jistieden lill-FRONTEX biex tikkoopera mill-qrib ma' organizzazzjonijiet oħrajn (Europol) u biex tanalizza, flimkien mal-Kummissjoni u l-Kunsill, kif jista' jitjieb l-użu ta' l-ICONet u l-valur miżjud potenzjali ta' rwol ta' l-Aġenzija fil-ġestjoni ta' l-ICONet.

5. Jistieden lill-FRONTEX, bil-ħsieb li titjieb il-kapaċità tagħha biex tappoġġa l-koordinazzjoni operattiva, biex tikkunsidra, skond l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 2007/2004, l-istabbiliment possibbli ta' fergħat speċjalizzati, inklużi l-għażliet differenti li jistgħu jkunu previsti għal dan il-għan, u tibgħat rapport lill-Kunsill.

6. Jilqa' l-intenzjoni għall-esplorazzjoni ulterjuri tal-possibbilitajiet biex tiġi żviluppata l-kooperazzjoni, matul il-mandati eżistenti tagħhom, bejn il-FRONTEX u awtoritajiet oħrajn involuti fil-fruntieri inkluża d-dwana, b'kont meħud ta' l-istudju li jmiss tal-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni inter-aġenziji u l-proġetti pilota li għandhom jitwettqu fil-livell Ewropew.

7. Jikkunsidra li l-FRONTEX għandha jkollha rwol ta' appoġġ fil-mekkaniżmu Sch-eval, fir-rigward ta' analiżi rilevanti tar-riskju għall-fini ta' missjonijiet ta' evalwazzjoni u possibbilment anke billi jiġi pprovdut it-taħriġ meħtieġ biex tiġi ottimizzata l-implimentazzjoni ta' dawk il-missjonijiet u jieħu l-impenn li jirritorna għal din il-kwistjoni abbażi tal-proposta li jmiss tal-Kummissjoni.

8. Jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħaħ ir-rwol ta' l-Aġenzija, fil-mandat eżistenti tagħha, fil-promozzjoni tal-kooperazzjoni operattiva u ta' forom oħrajn ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi dwar il-ġestjoni tal-fruntieri, fil-qafas ta' l-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u l-istrumenti finanzjarji esterni rilevanti.

9. Jilqa' l-involviment tal-FRONTEX fl-attivitajiet ta' taħriġ u l-iżvilupp tal-Kurrikulu Ċentrali Komuni, u jistedinha biex tikkunsidra, fil-mandat eżistenti tagħha, li torganizza aktar korsijiet ta' taħriġ fil-livell Ewropew għall-Istati Membri u pajjiżi terzi u tinkludi r-regoli dwar l-asil, il-liġi marittima u d-dritijiet fundamentali.

**ii) Prijoritajiet għal terminu twil:**

10. Jinkoraġġixxi approċċ ibbażat fuq il-ħtieġa fl-għan ġenerali tal-ġestjoni integrata tal-fruntieri esterni bbażat fuq ir-rispett għad-drittijiet fundamentali u fuq il-prinċipji ta' kondiviżjoni tal-piżijiet, is-solidarjetà u mmirat lejn it-titjieb ta' l-effettività fil-prevenzjoni ta' l-immigrazzjoni illegali, b'mod partikolari fir-rigward ta' żoni ta' riskju għoli fil-fruntieri esterni.

11. Jikkonferma li approċċ ta' pass pass, kapaċi li jibni fuq il-progress li twettaq sa issa u li jindirizza kwalunkwe nuqqas identifikat, għandu jkompli jkun il-bażi għall-iżvilupp ulterjuri ta' l-attivitajiet tal-FRONTEX.

12. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni biex tesplora kif il-mandat tal-FRONTEX jista' jkun estiż biex jippermetti possibbiltajiet akbar għall-kooperazzjoni operattiva ma' pajjiżi terzi kif ukoll t-twettiq ta' proġetti ta' għajnuna teknika, u tikkunsidra jekk ikunux adatti forom oħrajn ta' kooperazzjoni.

13. Jistenna b'interess l-eżitu ta' l-evalwazzjoni li qed titwettaq skond l-Artikolu 33 tar-regolament (KE) Nru 2007/2004 u għal proposta sussegwenti possibbli tal-Kummissjoni biex jiġi emendat (u kkonsolidat) ir-Regolament tal-Frontex.

**B. Fir-rigward ta' l-isfidi futuri tal-Ġestjoni tal-Fruntieri Esterni ta' l-UE (dħul/ħruġ, RTP, ESTA)**

14. Jirrikonoxxi l-ħtieġa biex kontinwament jiġi żviluppat u msaħħaħ ir-rispons ta' l-Istati Membri għat-theddid, kemm dak eżistenti u dak ġdid, billi jagħmlu użu mit-teknoloġija disponibbli bħal miżura komplimentari u essenzjali għal ġestjoni aħjar tal-fruntieri esterni u għall-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali, b'kont meħud tar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri responsabbli minn ċerti partijiet tal-fruntieri esterni ta' l-UE u l-ġirien non-UE tagħhom, filwaqt li jiġi żgurat li l-Ewropa tibqa' aċċessibbli għad-dinja u tibqa' post attraenti għal żjara.

15. Jenfasizza l-ħtieġa biex sistemi ġodda jkunu totalment konformi mal-liġi Komunitarja, il-prinċipji dwar il-protezzjoni tad-data, id-drittijiet tal-bniedem, il-protezzjoni internazzjonali u l-proporzjonalità kif ukoll jirriflettu approċċ kost-benefiċċju u valur miżjud tat-teknoloġija.

16. Jistieden lill-Kummissjoni biex trawwem u tappoġġa l-iżvilupp ta' proġetti pilota bil-ħsieb tal-valutazzjoni tal-fattibbiltà teknika u prattika u l-interoperabbiltà tas-sistemi ppreżentati fil-Komunikazzjoni dwar it-tħejjija tal-pass li jmiss fil-ġestjoni tal-fruntieri fl-UE billi jsir użu sħiħ mill-potenzjal ta' l-inizjattivi eżistenti, partikolarment b'fokus fuq il-mobilizzazzjoni tagħhom għal kull tip ta' fruntiera u bil-konsiderazzjoni għal kull mezz ta' trasport. Tali proġetti pilota, għandhom, b'mod partikolari, jippermettu l-interoperabbiltà massima u jieħdu kont ta' standards tekniċi internazzjonali.

17. Jappella lill-Kummissoni, jekk ikun adatt, biex sal-bidu ta' l-2010 tippreżenta proposti, flimkien ma' kwalunkwe valutazzjoni ta' l-impatt meħtieġa, għal sistema ta' ħruġ/dħul u ta' vjaġġaturi reġistrati għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, applikabbli għal kull tip ta' fruntiera abbażi ta' evalwazzjoni ta' l-esperjenzi u l-aħjar prattiki fl-Istati Membri u b'kont meħud tal-ħtieġa għas-sinerġiji u l-interoperabbiltà ma' sistema ta' l-UE totalment operattivi oħrajn (p.e. SIS II, VIS).

18. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tnedi studju biex tiġi valutata l-fattibbiltà u l-valur miżjud ta' sistema elettronika għall-awtorizzazzjoni ta' vjaġġar, b'kont meħud ta' l-iżvilupp u l-esperjenza miksuba minn sistemi komparabbli f'pajjiżi terzi, fil-perspettiva li tiġu żviluppata aktar l-istrateġija ta' ġestjoni integrata tal-fruntieri ta' l-Unjoni u jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta r-riżultati ta' dak l-istudju lill-Kunsill fl-ewwel nofs ta' l-2009 bil-ħsieb ta' proposti leġislattivi sussegwenti jekk adatt.

19. Jirrikonoxxi, abbażi tal-kontibuti tal-Kummissjoni kif ukoll diskussjonijiet preċedenti fil-Kunsill, ħtieġa li tiġi adottata għal Strateġija ta' IT indikattiva għas-sistemi Ewropej ta' l-IT kollha fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni biex tiġi adottata sa l-aħħar ta' l-2009, biex ikun żgurat approċċ koerenti u jiżdiedu l-effiċjenza u l-effettività ta' l-iżviluppi ta' l-IT.

20. Jappella lill-Kummissjoni biex tippreżenta, wara valutazzjoni ta' l-impatt li tipprovdi analiżi sostantiva ta' forom alternattivi ta' perspettiva finanzjarja, operattiva u organizzattiva, proposti leġislattivi meħtieġa għall-fini tal-ġestjoni operattiva fit-tul tas-SIS II, VIS u EURODAC u potenzjalment sistemi ta' IT ta' skala kbira oħrajn fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni.

## C. Fir-rigward tas-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza għall-Fruntieri (EUROSUR)

21. Jilqa' l-progress li sar dwar l-iżvilupp tan-Netwerk Ewropew ta' Pattulji bbażat fuq l-istudji MEDSEA u BORTEC li twettqu mill-FRONTEX.

22. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tnedi, fl-2008, il-ħidma dwar l-elaborazzjoni tal-linji gwida, flimkien ma' l-Istati Membri, għall-kompiti ta' u l-kooperazzjoni bejn iċ-ċentri ta' koordinazzjoni nazzjonali u l-FRONTEX.

23. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tnedi minnufih studju dwar l-komponenti prinċipali tal-kunċett EUROSUR, u biex tanalizza kunċetti ta' l-applikazzjoni komuni ta' l-għodod ta' sorveljanza u satelliti fuq bażi affidabbli, il-konsegwenzi finanzjarji għall-introduzzjoni ta' tali sistema u valutazzjoni għall-infrastruttura tas-sorveljanza tal-fruntieri f'pajjiż terzi magħżulin abbażi ta' evalwazzjoni li għandha titwettaq mill-FRONTEX.

24. Jistieden lill-Kummissjoni biex, fl-ipprogrammar tas-Seba' Programm Kwadru għar-riċerka u l-iżvilupp (temi dwar is-sigurtà u l-ispazju), tagħti prijorità lit-titjib tal-prestazzjoni u l-użu ta' l-għodod ta' sorveljanza.

25. Jitlob lill-FRONTEX biex tipparteċipa fl-iżvilupp tal-kunċett EUROSUR, fil-mandat eżistenti tagħha, inkluż bl-avvanz ta' l-istudji msemmijin fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-eżami tal-ħolqien ta' Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri (EUROSUR);

26. Jitlob lill-Kummissjoni tibgħat rapport lill-Kunsill fl-ewwel nofs ta' l-2009 dwar il-progress li sar fl-iżvilupp ta' l-EUROSUR abbażi tal-ħidmiet preparatorji mwettqin, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri u l-FRONTEX, inkluż fir-rigward ta' l-istudju li għandu jitneda mill-Kummissjoni dwar il-komponenti prinċipali tal-kunċett EUROSUR.

---